31975R2763



# IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2763/75 TAL-KUNSILL
## tad-29 ta' Ottubru 1975
## li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' assistenza ta' ħażna privata għal-laħam tal-majjal

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 [1] tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tal-majjal, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2759/75 jagħti lok għal intervent fis-suq tal-laħam tal-majjal f'forma ta' għajnuna għal imħażen privati;

Billi l-operazzjoni ta' din is-sistema ta' għajnuna tista' teħfief billi jkun hemm previst għall-konklużjoni ta' kuntratti ma' aġenziji ta' intervenzjoni;

Billi, sabiex jintlaħħqu l-iskopijiet ta' din l-għajnuna kif imfisser fir-Regolament (KEE) Nru 2759/75 l-ammont tagħha għandu jkun stabbilit fejn jidħol il-prezz tal-ħażna; billi, għal dak l-iskop, żewġ metodi għandhom jiġu pprovduti biex ikun stabbilit dak l-ammont; billi, fiż-żewġ każijiet, l-għoti ta' għajnuna jsir b'tali mod li ma joħloqx diskriminazzjoni bejn applikanti stabbiliti fil-Komunità;

Billi għandhom jiġu pprovduti miżuri xierqa fil-każ li s-sitwazzjoni tas-suq fil-prodotti in kwistjoni tinneċessità alterazzjoni skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratti li għandhom jiġu konklużi jew tul il-perjodu ta' ħażna previst fil-kuntratti diġà konklużi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. Ħażniet privati, kif imfissra fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75, jirreferu għaż-żamma ta'prodotti marbuta mas-suq tal-laħam tal-majjal ġo maħżen, minn individwi naturali jew legali stabbiliti fil-Komunità barra minn dawk l-aġenziji li joffru intervent imsemmija f'dak l-Artikolu. Dawn il-prodotti jinżammu għar-riskju ta' dawn l-individwi.

2. Għajnuna għal imħażen privati tista' tingħata biss f'każ li l-prodotti ġejjin minn dik il-Komunità.

3. Għajnuna għal imħażen privati tingħata skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratti milħuqa ma' aġenziji li joffru intervent; dawk it-tip ta' kuntratti jridu juru l-obbligazzjonijiet reċiproki mill-partijiet imsieħba fil-kuntratt b'mod stabbilit għal kull prodott.

*L-Artikolu 2*

Kemm-il darba ma jingħatax permess speċjali, talba għal għajnuna għal imħażen privati tista' ssir biss fil-pajjiż fejn il-prodott irid jinħażen.

*L-Artikolu 3*

Jekk jinħass il-bżonn fis-suq, il-perjodu tal-ħażna kif definit fil-kuntratt jista' jitnaqqas jew jitwal bis-saħħa ta' kondizzjonijiet li għad iridu jkunu identifikati.

*L-Artikolu 4*

1. L-ammont ta' għajnuna li jingħata għandu jkun jew:

(a) stabbilit permezz ta' stedina għal offerta maħruġa fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, jew inkella

(b) stabbilit minn qabel.

2. Fiż-żewġ każijiet:

(a) l-applikanti jiġu trattati bl-istess mod dwar jekk l-offerta tagħhom għandhiex tkun aċċettata, minkejja l-pożizzjoni li jokkupa n-negozju tagħhom fil-Komunità;

(b) dawk l-applikanti biss li assiguraw li għandhom iżommu kelmthom ħalli l-kuntratt iseħħ billi taw depożitu, ikunu jistgħu jitfgħu offerta jew jikkonkludu l-kuntratt. Id-depożitu

[1] ĠU L 282, ta' -1.11.1975, p. 1.

jiġi miżmum kollu jew, parti minnu jekk l-obbligi ta' l-applikant lejn il-kuntratt ma jiġux imwettqa jew ikunu mwettqa parzjalment;

(ċ) il-perjodu definit biex il-prodotti jinħażnu u t-tul taż-żmien li jistgħu jdumu maħżuna għandhom ikunu stabbiliti;

(d) l-ammont ta' għajnuna li tingħata m'għandux normalment jaqbeż dak ta' l-ispejjeż li jintefqu kieku kellu jsir intervent minn entità pubblika biex issir il-ħażna.

*L-Artikolu 5*

1. Waqt li jintgħażlu l-offerti għandha tingħata preferenza lil dawk li jaqblu l-iżjed lill-Komunità.

2. F'kull każ, ma jfissirx li l-għoti tal-kuntratt bilfors għandu jseħħ wara.

*L-Artikolu 6*

F'każ fejn l-ammont ta' għajnuna huwa stabbilit minn qabel:

(a) għandu jkun hemm rata waħda li tinkorpora l-ispejjeż tal-ħażna, il-waqgħa normali fil-valur minħabba l-kwalità, u kemm jista' jkun, xi żieda li jista' jkun hemm fil-prezz tal-prodott imsemmi;

(b) talbiet għal għajnuna jingħataw skond kondizzjonijiet li għad iridu jiġu stabbiliti, speċjalment jekk jiskadi ż-żmien bejn meta ssir t-talba u meta jintemm il-kuntratt;

(ċ) sospensjoni tal-għeluq tal-kuntratti tal-ħażna jew tiġdid tal-kriterji għall-kuntratti fil-ġejjieni, tista' tittieħed jekk ħarsa twila lejn l-ammonti koperti bil-kuntratti u applikazzjonijiet għall-kuntratti toħloq din il-ħtieġa.

*L-Artikolu 7*

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 739/68 [1] tat-18 ta' Ġunju 1968 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali biex tingħata għajnuna għall-imħażen privati għal-laħam tal-majjal huwa hawnhekk imħassar.

2. Referenzi għar-Regolament imħassar minn paragrafu 1 għandhom jiġu interpretati bħala Referenzi għal dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 8*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta'Ottubru 1975.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MARCORA

[1] ĠU L 136, ta' l-20.6.1968, p. 1.